MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 359/1999/1

**Avviz Numru 359/99 DM**

**Mario Saliba**

**Vs**

**Agius Marble Works Ltd.**
**u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2001 gie kjamat in kawza Spiridione Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn ihallsu lil istess attur is-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin Lira Maltin (Lm834.00), rapprezentanti l-prezz tax-xoghlijiet ezegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1997; bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data tal-esekuzzjoni tax-xogholijiet sad-data tal-pagament effettiv bil- konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta Agius Marble Work Ltd permezz ta' liema hija eccepiet illi:

1. Ix-xoghlijiet ezegwiti mill-attur ma sarux skond is-sengha u l-arti;

2. Fi kwalunkwe kaz, u dana minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Mejju tas-sena 2000 fejn il-konvenuti kienu gew liberati mill-osservanza ta' gudizzju;

Rat id-digriet taghha ta' l-24 ta' Mejju tas-sena 2000 permezz ta' liema laqghat it-talba ghal riappuntament tal-kawza;

Semghet lil attur bil-gurament;

Semghet il-provi prodotti mill-konvenuti ;

Rat id-dokumenti minnhom esibiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamant fil-kawza, Spiridione Buttigieg, permezz ta' liema huwa eceppixxa li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma ghandux u qatt ma kellhu relazzjoni guridika ma' l-attur; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet taghha tas- 16 ta' Ottubru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil AIC Alan Saliba bhala perit tekniku;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 fejn il-perit tekniku iddikjara li nonostante il-verbali precedenti

f’din il-kawza l-attur baqa ma hallasx lill-perit tekniku ghar-rapport u ghalhekk, a tenur ta’ l-Artikolu 670 tal-Kap 12, il-Qorti qedgha tghaddi ghas-sentenza tal-kawza minghajr il-perizia u independendement mill-provi li setghu gew migjuba quddiem il-perit tekniku;

Rat l-atti kollha tall-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma giex ikkontestat illi l-attur kien jiehu b’appalt minghand il-kumpanija konvenuta xoghol ta’ tqeghid ta’ rham ghall-klijenti ta’ l-kumpanija konvenuta u illi ta’ dan ix-xoghol kien tenut li jithallas bir-rati specifikati minnu fid-depozizzjoni tieghu.

L-attur ipprezenta kont dettaljat (Dok MS1 a fol. 20 tal-process) fejn jirrizulta illi hu qed jitlob illi jigi ikkumpensat ghal tlett (3) bicciet xoghol illi huwa kien ghamel fl-interess tal-konvenuti; ossia somma ta’ tlett mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm333.00) ghal xoghol ta’ rham tat-tarag fl-interess ta’ Spiru Buttigieg, somma ta’ erbgha mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm496.00) ghal xoghol ta’ irham maghmul fl-interess ta’ certu J. Cassar u somma ta’ wiehed u sittin lira Maltin (Lm61.00) li jidikkjara l-attur li ghad baqaghlu jiehu ghar-rigward tax-xoghol li ghamel fl-interess ta’ certu Mario Sammut minn Hal Kirkop. Dawn ix-xogholijiet gew kollha ezegwiti fuq inkarigu u istruzzjonijiet tal-konvenuti.

Pero billi jirrizulta illi pprezenta l-avviz b’ talba limitata ta’ tmien mija u erbgha u tletin Lira Maltin (Lm830.00) jidher li qed jillimita t-talbiet tieghu ghax- xogholijiet maghmulin fl-interess ta’ Buttigieg u Cassar biss.

Min naha ta’l-konvenuti, ghalkemm huma ikkontestaw it-talbiet attrici billi iddikjaraw illi ix-xoghol maghmul minnhu ma kienx xoghol kif rikjest mill-arti u s-sengha, illimitaw ruhhom biex iressqu l-provi ghar-rigward biss tax-xoghol maghmul fl-interess ta’ Spiru Buttigieg li in segwitu gie kjamat f’din il-kawza.

Infatti, Nazzareno Agius, prodott mill-kumpanija konvenuta, stqarr illi huwa jaf biss bil-pendenza li tirrigwarda lil l-kjamat fil-kawza Spiru Buttigieg u billi kien direttur iehor, Charles Agius, li kien jiehu hsieb ir-relazzjonijiet bejn il-kumpanija konvenuta u l-attur, huwa ma kien jaf xejn dwar  il-pendenzi l-ohra.

Ghalhekk fin-nuqqas ta’ ebda kontestazzjoni dwar ix-xogholijiet maghmula fl-interess tal-kumpanija konvenuta u esegwiti ghal J.Cassar fis-somma ta’ erbgha mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm496.00) it-talbiet attrici ghandhom ikunu milqugha u l-kreditu tieghu ta’ erbgha mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm496.00)  ikkonfermat.

Izda, ghar-rigward tas-somma mitluba ta’ tlett mija tlieta u tletin Lira Maltin (Lm333.00) f’dak li jirrigrawarda ix-xogholijiet ezegwiti fl-interess ta’ Spiru Buttigieg, billi l-attur ma hallasx l-ispejjez ta’ perizia, il-Qorti qedgha tastjeni li tiehu konjizzjoni ta’ l-istess perizia kif ukoll ta’ xi provi li setghu ingiebu quddiem il-perit u konsegwentament issib illi it-talba attrici ghar-rigward ta’ dan ix-xoghol, stante il-kontestazzjoni ta’l-konvenuti u d-depozizzjoni bil-gurament ta’ Spiru Buttigieg, ikkjamat fil-kawza, issib illi t-talba attrici ma gietx ipprovata sodisfacentament u fin-nuqqas ta’ perizia teknika lanqas ma tistgha tistabbilixxi xi utilita li setgha idderiva il-kjamat fil-kawza mix-xogholijiet in kwistjoni u konsegwentament ikollha tichad it-talba attrici fir-rigward ta’ dawn l-istess xogholijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ erbgha mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm496.00), u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas dan l-ammont lill-attur, bl-imghax legali b’effett mil-4 ta’ Marzu tas-sena 1999, fil-waqt li tichad it- talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti hlief ghal dawk tal-perizia u ghall-ispejjez tal-kjamat fil-kawza li ghandhom jigu ssopportati  unikament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------